MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1854/2002/1

**Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Philip Agius & Sons Limited, Melita Cable plc, u b' digriet tat-8 ta' Jannar, 2003, giet kjamata in kawza Maltacom plc**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Frar, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u disgha u disghin lira

Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm699.84) u fejn intqal:
Illi fis-26 t'Ottubru, 1999, kien qed isir xoghol ta' thaffir f'Lascaris Wharf, Valletta, mill-kuntrattur konvenut Philip Agius & Sons Limited, li kien imqabbad biex jaghmel dan ix-xoghol mill-konvenut l-iehor Melita Cable plc;
Illi waqt dan ix-xoghol, il-kuntrattur konvenut laqat u ghamel hsara liz-zewg fibre optic cables li jservu lis-sistema tal-computer tad-Dipartiment tad-Dwana;
Illi minhabba din il-hsara, kellha ssir hidma urgenti ta' tiswija minn ufficjali tal-MITTS u minn ufficjali mpjegati ta' l-attur fil-lejl tas-26 t'Ottubru, 1999 u l-ghada s-27 t'Ottubru, 1999, liema servizz u hidma ammontaw ghal sitt mija disgha u disghin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm699.84);
Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jirrifondu l-ispejjez tal-hsarat li saru, izda sal-lum huma baqghu nadempjenti;
Ghaldaqstant il-konvenuti jew min minnhom ghandhom ikunu dikjarati responsabbli ghall-hsarat li saru lill-attur, u jkunu ordnati jirrifondu lill-attur s-somma ta' sitt mija u disgha u disghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm699.84) jew somma ohra rapprezentanti Danni likwidati mit-Tribunal rizultanti minn din il-hsara hawn fuq imsemmija;
Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tas-6 t'Awissu, 2001, kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta Melita Cable plc, prezentata fil-21 t'Awissu, 2002, fejn intqal:
Illi s-socjeta` konvenuta, Melita Cable plc, mhix responsabbli ghal hsarat u ghad-danni sofferti mill-attur stante illi hija la qatt ma ghamlet xogholijiet ta' skavazzjoni u wisq anqas ma laqtet jew ghamlet hsarat fuq cables ta' l-atturi;
Illi s-socjeta` konvenuta, ghaldaqstant, mhix il-legittimu kontradittur;
Illi jsegwi li t-talbiet attrici, almenu fil-konfront tas-socjeta` mittenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 22 t'Awissu, 2001.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta Philip Agius & Sons Limited prezentata fit-3 ta' Settembru, 2002, fejn intqal:
i. Illi t-talba attrici kif dedotta kontra s-socjeta` Philip Agius & Sons Limited ghandha tkun michuda stante li la hi u lanqas l-impjegati taghha ma kienu responsabbli jew kienu jahtu ghall-hsara fil-cables in kwistjoni;
ii. Ghalhekk is-socjeta` Philip Agius & Sons Limited jew l-impjegati taghha mhumiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur u lanqas hemm lok ghall-kundanna taghha ghall-hlas ta' Danni favur l-attur;
iii. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib il-prova tad-danni;
iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra r-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza Maltacom plc prezentata fis-17 ta' Frar, 2003, fejn intqal:
i. Illi in linea preliminari l-azzjoni odjerna hija preskritta skond il-ligi u dana a bazi ta' l-Artikolu 2154 (Kap.16) u l-Artikolu 688(e) Kap.9, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;
ii. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` Maltacom plc mhix responsabbli ghal hsarat u ghad-danni allegatament sofferti mill-attur, stante illi hija qatt ma ghamlet xogholijiet ta' skavazzjoni u wisq anqas ma laqtet jew ghamlet hsarat fuq cables appartenenti lill-attur;
Illi s-socjeta` Maltacom plc mhijiex il-legittimu kontradittur, ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;
iii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tad-29 ta' Novembru, 2002, li bih giet ordnata l-allegazzjoni ta' l-atti tal-kawza fl-ismijiet Maltacom plc vs Philip Agius & Sons Ltd, Citaz. Nru. 1370/00AJM, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 t'Ottubru, 2000.

Sema' x-xhieda ta' Albert Scerri u John Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni kollha esebita kif ukoll

tax-xhieda dokumentazzjoni moghtija fil-process Maltacom plc vs Philip Agius and Sons Limited Citazz Nru:1370/00 AJM deciza fit-2 ta' Ottubru, 2002. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur.

Ikkunsidra:
1. Illi l-eccezzjoni moghtija mis-socjeta' kjamata in kawza Maltacom p.l.c. dwar li l-azzjoni hija preskritta gia giet deciza fil-21 ta' Ottubru, 2003.
2. Is-socjeta' konvenuta Philip Agius and Sons Limited li kienu l-kuntratturi li ghamlu x-xogholijiet qed ighidu illi ma kienux responsabbli ghal hsarat fil-cables in kwistjoni, filwaqt illi s-socjeta' kjamata fil-kawza Maltacom p.l.c qed tghid li mhix responsabbli peress li qatt ma ghamlet xogholijiet ta' skavazzjoni u wisq inqas ma laqtet jew ghamlet hsara fuq il-cables appartenenti lill-attur. F'dan is-sens Maltacom plc qed tghid li mhix il-legittimu kontradittur. Is-socjeta' konvenuta Melita Cable p.l.c. wkoll qieghda tghid li mhix il-legittimu kontradittur u li qatt ma ghamlet xogholijiet ta' skavazzjoni u wisq anqas ma laqtet jew ghamlet hsarat fuq cables ta' l-attur.
3. Albert Scerri ghal Kontrollur tad-Dwana spjega illi huma ghandhom fibre optic cables illi jaqsmu t-triq, liema cables inqabdu bl-iskavatur waqt li kien qed isir ix-xoghol. Huwa spjega li l-cable in kwistjoni jservi biex ighaqqad id-Dwana mas-sistema tal-Gvern, kif ukoll mal-Bank of Valletta. Meta nqalghu l-cables waqa' n-net work u s-sistema ta' processar elettroniku tad-dokumenti tad-Dwana. Wara kienu gew tal-MITTS u tal-Maltacom sabiex isewwu l-hsara, apparti li kien hemm nies tad-Dwana wkoll biex isewwu dan. Ix-xhud spjega li bhala overtime nefqu mija erba' u ghoxrin lira u tmenin centezmu (Lm124.80) filwaqt li l-kont tal-MITTS kien fl-ammont ta' hames mitt lira (Lm500) piu' il-VAT. Ix-xhud qal ukoll li l-hsara ma ghamluhiex il-haddiema tal-Maltacom.
4. Skond id-Dok VB 5 dwar il-hsara li grat il-overseer tal-Maltacom ghamel dan il-kumment: *"contractor admitted with overseer and Ing A Gatt that damage was caused accidentally."*
5. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fuq riferita.

F'dik il-kawza il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet waslet ghal din il-konkluzzjoni: "illi lanqas ma wiehed jista' jatribwixxi xi responsabilita' lill-konvenut abbazi tal-kondizzjonijiet fil-permess. In fatti kif gia ntqal il-konvenut ottempera ruhu mal-kondizzjonijiet kollha tal-permess billi qabel ma beda x-xoghol sejjah rapprezentant tas-socjeta' attrici biex jigi ndikat fejn kien ghaddej il-cable. In oltre dak kollu rikjest minnu fil-permess skond ix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici, gie attwat …….. Illi fl-ahharnett ir-referenza li saret mis-socjeta' attrici ghal dak li qal il-konvenut wara l-incident kif riportat fl-*overseer's report* u cioe' li the *damage was caused accidentally* ma tistax tittiehed bhala ammissjoni ta' responsabbilita' da parti tal-konvenut billi certament din il-hsara grat b'accident. Kieku kien altrimenti kien ikun il-kaz kienu jittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut fuq reat."

6. It-Tribunal hu tal-fehma li ma jistax jiddisturba dak li gia gie deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili f'dan ir-rigward. Ghalhekk jigi illi dak li gara ma sehhx b'negligenza tal-kuntrattur izda kien biss casus cioe' il-hsara kienet biss accidentali u konsegwentement il-konvenuti u l-kjamati in kawza ma jistghux jigu ritenuti responsabbli ghad-danni eventwali.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

L-attur appella minn din is-sentenza u talab li tigi revokata. L-appell tieghu hu bazat fuq il-kwestjoni illi t-Tribunal ma kellux jistrieh b' mod esklussiv fuq l-import tas-sentenza fl-ismijiet "Maltacom plc -vs- Philip Agius & Sons Limited" deciza mill-Prim' Awla fit-2 ta' Ottubru, 2002 u li fiha hu ma kienx parti. Huwa jissottometti illi t-Tribunal kellu jezamina l-materja indipendentement minn dik id-decizjoni u mhux jibbaza l-gudizzju tieghu fuqha, b' mod li jasal ghal konkluzjoni li la tista' titqies tajba u wisq anqas gusta fil-konfront tieghu;

Tnejn jidhru li huma l-kwestjonijiet ta' dritt li jistghu johorgu minn din il-kontestazzjoni tas-sentenza appellata. Fl-ewwel lok, is-sentenza profferita mill-Prim' Awla fil-kawza l-ohra ma kienetx guridikament vinkolanti fuq l-appellanti gjaladarba hu ma kienx kompartecipi fl-atti ta' dak il-procediment. Fit-tieni lok, it-Tribunal ma kellux jiehu bhala punt esklussiv ghall-formazzjoni tal-gudizzju tieghu dik l-istess sentenza;

Mhux kontestat illi l-attur odjern ma kienx involut fil-proceduri fil-kawza fuq imsemmija. Minn dan huwa lecitu li jinghad illi l-attur ghandu kull dritt jiddiskonoxxi l-awtorita` ta' dik is-sentenza l-ohra billi din bl-ebda mod ma setghet tkun ta' pregudizzju ghalih. Hi, del resto, ligi espressa fit-termini ta' l-Artikolu 237 tal-Kodici ta' Procedura illi "<u>is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew tar-rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b' dik is-sentenza</u>";

Jitnissel minn dan il-provvediment illi r-*res judicata* ma testendix l-effetti taghha ghal dawk il-kredituri jew debituri ohra li ma jkunux dehru personalment jew tramite xi rapprezentant f' dak il-gudizzju. Gudizzju li ghalihom hu *res inter alios acta.* Ara **Mattirolo**, "Diritto Giudiziaro", Vol. V, para. 159;

Ifisser ghalhekk illi l-gudikat li bih il-Prim' Awla cahdet it-talba tas-socjeta` Maltacom plc fil-kawza l-ohra ma jaghmelx stat di fronte ghall-attur fil-kawza prezenti. Anke jekk l-oggett *in lite* huwa konsimili, u cjoe r-rizarciment tad-danni subiti, iz-zewg kawzi ma jistghux jitqiesu indivizibbli billi l-iskop propost bl-azzjonijiet separati u indipendenti jikkonsisti f' interess materjali u divizibbli. Ara ghall-ahjar taghlim ta' dan l-aspett is-sentenzi riportati a **Vol. XX P I p 45** u **Vol. XXVI P I p 479**;

Konsegwentement, l-ewwel deduzzjoni ta' l-attur appellant ma tistax titqies guridikament difettuza;

Dan premess, huwa apparentement ovvju illi t-Tribunal iffonda l-konkluzjonijiet tieghu fuq ir-ragonament maghmul mill-Qorti tal-Prim' Awla fil-kawza l-ohra.  Fil-fehma ta' din il-Qorti dan hu ghal kollox zbaljat.  Anzi t-Tribunal messu injora dik is-sentenza u akkorda, invece, piz debitu u unikament lill-provi, komprizi dawk fil-procedura l-ohra, gjaladarba wkoll bi ftehim komuni l-partijiet qablu li dawk il-provi kellhom jitqiesu wkoll ghall-iskop ta' l-istanza prezenti.  Ara verbal a fol. 15.  Il-gudizzju tat-Tribunal kellu jkun wiehed indipendenti minn dak tal-Qorti fis-sentenza accennata u mhux semplicement jigi akkampat fuq il-valutazzjoni tal-provi li saret minn dik il-Qorti u jaghmlu tieghu.  Dan anke jekk finalment kien jasal ghall-istess ragonament u konkluzjoni bhal dawk tal-Qorti.  L-argument hu wiehed ovvju u hu bazat fuq ir-raguni logika-guridika illi l-gudikant ghandu joqghod biss fuq il-provi in atti u mhux fuq il-gudizzju li sar minn gudikant iehor, anke jekk il-provi kienu jghoddu ghaz-zewg kawzi.  *Multo magis*, imbaghad, meta partijiet f' kawza wahda ma jkunux immiskjaw ruhhom fil-kawza l-ohra, kif hekk inhu l-kaz prezenti;

In vista ta' dawn il-preliminari riflessjonijiet din il-Qorti htiegilha taghmel hi ezami tal-provi attendibbli u wara analisi akkurata taghhom tghaddi biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Il-konvenut-kuntrattur Philip Agius & Sons Ltd gie kommissjonat mis-socjeta` konvenuta Melita Cable plc bl-inkargiu ta' xoghol ta' skavar fit-triq minn fejn kienu ghaddejjin *cables* tas-socjeta` Maltacom plc, imsejha fil-kawza.  Din l-istess infrastruttura ta' din l-ahhar imsemmija socjeta` kienet isservi biex tipprovdi servizz lill-attur fl-operazzjonijiet tieghu;

(2) Jirrizulta illi l-kuntrattur segwa ghal dik li hi procedura r-regolamenti fis-sehh tant li ottjena l-permessi mehtiega qabel ma ta ezekuzzjoni ghax-xoghol.  Jirrizulta wkoll illi dan segwa wkoll il-marki lilu indikati mill-*overseer*

tal-Maltacom. Ara xhieda ta’ Victor Busuttil, *senior technician* tal-Maltacom;

(3) Fil-kors ta’ l-ezekuzzjoni ta’ l-appalt, il-kuntrattur laqat bit-*trencher* il-*fibre optic cables* tal-Maltacom u kkaguna hsarat, b’ mod li giet mfixkla l-attivita` operazzjonali ta’ l-attur;

(4) Inghad li dawn il-*cables*, bhal kwalsiasi *cable* iehor, iridu jkunu zewg piedi taht wicc l-art. Ix-xhud imsemmi Victor Busuttil jinsisti li l-*cables de quo* kienu pied u nofs zgur fil-fond u hekk ukoll jiddikjara x-xhud l-iehor Paul Darmanin, *overseer* tal-Maltacom. Dan hu sew kuntrastat mix-xhieda ta’ Mario Agius f’ isem is-socjeta` kuntratrici, Chris Cuschieri u Carlo Vella, rapprezentanti tas-socjeta` assiguratrici ta’ l-istess kuntrattur. Huma jikkonfermaw illi l-*cables* kienu sitwati f’ fond ta’ bejn ghaxra u hdax-il pulzier biss. Huma jirpozaw din il-kostatazzjoni taghhom fuq il-bazi tal-mizurazzjonijiet mehuda u tar-ritratti esebiti;

(5) Anke jekk mir-ritratti u mhux minn xi ezami *de visu* jew assistita minn rapport peritali, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni illi ssib li l-versjoni tal-kuntrattur u tar-rapprezentanti ta’ l-assigurazzjoni hi aktar akkurata u verosimili. Il-kuntrattur ma kellux tort ghall-hsara li grat fil-*cables* billi dawn ma rrizultawx li kienu midfuna f’ fond adegwat u bil-protezzjonijiet li solitament ghallanqas kienu jintuzaw. Konkluzjoni konsimili giet, b’ fatti li jixxiebhu, milhuqa mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Godfrey Leone Ganado *nomine* -vs- Joseph Galea**”, deciza fl-24 ta’ Jannar 1997;

(6) Huwa ghalhekk dezumibbli minn din il-valutazzjoni u konkluzjoni illi s-socjeta` Maltacom plc, *qua* sid il-*cables*, ma pprestatx attenzjoni sufficcjenti meta dawn l-istess *cables* gew imqeghda *in situ* l-ewwel darba. Kieku kienu midfuna fil-livell li suppost, l-incident li okkorra seta’ possibilment jigi evitat u l-attur ma kienx ikollu ghalfejn jirrikorri ghal rimedji alternattivi biex jinqeda, bi spiza zejda ghalih;

(7) La l-*cables* instabu li kienu f’ livell ta’ ghaxar jew hdax-il pulzier taht wicc it-triq, kellu jkun prevedibbli anke ghall-istess sid taghhom illi dawn setghu facilment jintlaqtu minn terzi li htiegilhom jghaddu servizzi taghhom f’ din il-parti tat-triq. Hi din l-istess prevedibilita` ta’ l-event tal-hsara li twassal ghal konfigurazzjoni tal-htija di fronte ghall-attur odjern li kien qed jaghmel uzu mill-*cables* li ntlaqtu;

(8) Lanqas ma jista’ jinghad li l-incident kien wiehed inevitabbli jekk kien ir-rizultat ta’ non kura dwar il-mod kif kienu sitwati. Dan ghaliex, kif pacifikament ricevut f’ bosta sentenzi, l-accidentalita` jew il-kaz fortuwitu ma jehilsux mir-responsabilita` jekk ikunu preceduti minn htija ta’ min ikkaguna d-dannu jew ghamel possibbli, bi traskuratezza, li jsehh dan id-dannu. Ara **Kollez. Vol. XXX P III p 142; Vol. XXIV P I p** 172 fost ohrajn;

(9) Fil-hsieb tal-Qorti t-Tribunal zbalja mhux biss meta applika r-ragonament tal-Prim’ Awla fil-kawza l-ohra ghal dan il-kaz, izda zbalja fuq kollox meta ddeduca, b’ applikazzjoni tal-parti deciziva ta’ dik is-sentenza, illi hadd mill-partijiet imharrka ma kellhom jitqiesu fi htija ghall-event dannuz fil-konfront ta’ l-attur;

(10) In bazi ghar-rizultanzi probatorji u l-osservazzjonijiet maghmula t-Tribunal messu invece sab lis-socjeta` Maltacom plc, sid il-*cables*, responsabbli ghad-danni subiti mill-attur. Responsabilita` din li, konsiderata fl-entita` guridika taghha, kienet tissussisti sija jekk il-kolpa kienet *ex-contractu* emanenti minn xi ftehim ma’ l-attur, *qua* utent ta’ l-istess *cables*, sija jekk konsiderata mill-ottika tal-kolpa akwiljana;

Ferma din il-konsiderazzjoni hu l-kaz li l-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal tigi mwarrba. Ma jirrizultax li l-ammont reklamat in linea ta’ danni jinsab kontestat u effettivament dan ukoll jinsab sew sostenut mid-dokumenti esebiti minn fol. 44 sa fol. 47 tal-process.

Konsegwentement in bazi ghall-motivi kollha suesposti din il-Qorti ssib li l-aggravju ta' l-attur huwa gustifikat. B' hekk tghaddi biex takkolji l-appell u thassar is-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fis-17 ta' Frar 2004. Konsegwentement, tilqa' t-talba ta' l-attur Kontrollur tad-Dwana billi ssib lis-socjeta` Maltacom plc, kjamata in kawza, responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur u b' hekk tikkundanna lil din is-socjeta` tirrizarcixxi lill-attur in linea ta' danni s-somma reklamata ta' sitt mija u disgha u disghin lira Maltija, erbgha u tmenin centezmu (Lm699.84,0). Il-konvenuti qed jigu mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` Maltacom plc.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------